**Rettifika tar-Regolament (UE) 2019/1155 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 188 tat-12 ta' Lulju 2019)*

Fil-paġna 30, il-punt (3) tal-Artikolu 1, l-emenda tal-punt (c) tal-Artikolu 3(5),

*minflok:* "c) ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-pussess ta' viża valida għal Stat Membru li ma jiħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, jew għal Stat Membru li għadu mhux qed japplika d-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ, jew għal pajjiż li huwa parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jew għall-Kanada, il-Ġappun jew l-Istati Uniti tal-Amerka…",

*aqra:* "c) ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-pussess ta' viża valida għal Stat Membru li ma jiħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, jew għal Stat Membru li għadu mhux qed japplika d-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ, jew għall-Kanada, il-Ġappun jew l-Istati Uniti tal-Amerka…";

Fil-paġna 31, l-ittra (a) tal-punt (8) tal-Artikolu 1, l-emenda tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 10,

*minflok:* "1. L-applikanti għandhom jidhru personalment meta jippreżentaw applikazzjoni għall-ġbir ta' marki tas-swaba', f'konformità mal-Artikolu 13(2) u (3) u l-punt (b) tal-Artikolu 13(7).",

*aqra:* "1. Meta jippreżentaw applikazzjoni, l-applikanti għandhom jidhru personalment sabiex jittiħdulhom il-marki tas-swaba', f'konformità mal-Artikolu 13(2) u (3) u l-punt (b) tal-Artikolu 13 (7).".